2025/1239

1.7.2025

DEĊIŻJONI NRU 1/2025 TAL-KUMITAT DWAR IL-KOOPERAZZJONI DOGANALI BEJN L-UE U T-TURKIJA

tal-24 ta' April 2025

dwar l-użu taċ-ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku [2025/1239]

IL-KUMITAT DWAR IL-KOOPERAZZJONI DOGANALI,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(6) tagħha,

Billi:

(1) Fil-bidu tal-2020, il-pajjiżi sħab tal-UE li kellhom ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Unjoni ġew ikkonfrontati bl-impossibbiltà li jipprovdu ċ-ċertifikati tal-moviment f'forma xierqa, jiġifieri fil-format korrett tal-karta, iffirmati bl-idejn u ttimbrati b'linka friska, meta jitqies li, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, f'għadd ta' pajjiżi l-kuntatti bejn l-awtoritajiet doganali tal-pajjiżi sħab tal-UE u l-operaturi ekonomiċi ġew sospiżi. Għalhekk, tqies xieraq li jiġu adottati miżuri eċċezzjonali applikabbli fuq bażi reċiproka, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-kummerċ preferenzjali.

(2) L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi sħab tal-UE ġew mistiedna jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku, b'firma, timbru jew *cachet* diġitali tal-awtoritajiet kompetenti, jew fil-forma ta' kopja taċ-ċertifikat oriġinali, maħruġ jew f'forma stampata jew elettronika, jiġifieri kopja skennjata jew waħda disponibbli online.

(3) Il-miżuri kienu applikabbli wkoll għaċ-ċertifikati tal-moviment A.TR għall-fini taċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija fl-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija. Din il-prattika kienet ibbażata fuq il-flessibbiltà prevista fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 tad-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali tas-26 ta' Lulju 2006 ([2]) ("id-Deċiżjoni Nru 1/2006"). Skont dik id-dispożizzjoni, iċ-ċertifikati tal-moviment A.TR għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Istat importatur f'konformità mal-proċeduri applikabbli f'dak l-Istat.

(4) Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li wasslu għall-adozzjoni tal-miżuri flessibbli ma baqgħux jitqiesu rilevanti, u għalhekk ġie deċiż li dawk il-miżuri ma jibqgħux japplikaw mill-1 ta' Mejju 2024.

(5) L-Unjoni u t-Turkija rrikonoxxew li l-esperjenza tal-kummerċ skont il-miżuri eċċezzjonali adottati minħabba l-pandemija tal-COVID-19 kienet pożittiva u qiesu li kien xieraq li jitkomplew il-prattiki tajba introdotti fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali matul il-pandemija sabiex l-operaturi ekonomiċi jibbenefikaw mid-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment A.TR.

(6) Is-sistema mfassla u żviluppata għall-ħruġ elettroniku taċ-ċertifikati tal-moviment A.TR toffri l-possibbiltà għall-awtoritajiet doganali li jivverifikaw l-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment A.TR minnufih, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Nru 1/2006 dwar il-proċeduri għall-verifiki sussegwenti. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-awtentiċità. L-istess funzjonalità jenħtieġ li tiġi attivata ladarba tiġi stabbilita sistema ta' diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment A.TR għall-ħruġ elettroniku ta' tali ċertifikati fl-Unjoni.

(7) Fil-kuntest tal-kummerċ preferenzjali fiż-żona Pan-Ewro-Mediterranja (PEM), li tinkludi kemm l-UE kif ukoll it-Turkija, il-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji adotta id-Deċiżjoni Nru 1/2024 ([3]) dwar l-użu taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u EUR-MED maħruġa b'mod elettroniku.

([1]) ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1995/1(5)/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni Doganali KE-Turkija tas-26 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija (ĠU L 265, 26.9.2006, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2006/646/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2024 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli Preferenzjali tal-Oriġini Pan-Ewro-Mediterranji tat-12 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-użu taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fil-qafas ta' dik il-Konvenzjoni applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025 (ĠU L 2025/16, 9.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/16/oj).

(8) Għal prattika armonizzata dwar l-użu taċ-ċertifikati tal-moviment u wara li jitqiesu l-Artikolu 9 u l-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 1/2006, huwa xieraq li ċ-ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku skont il-qafas tal-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija, jkunu aċċettati mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE u tat-Turkija.

(9) Mit-8 ta' Lulju 2024, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE u t-Turkija bdew jaċċettaw ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi prevista l-applikazzjoni retroattiva tal-użu taċ-ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku mit-8 ta' Lulju 2024, biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-prattiki tajba introdotti matul il-pandemija tal-COVID-19 minn dik id-data, mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet meħuda mill-amministrazzjonijiet doganali taż-żewġ partijiet matul il-perjodu *interim* mill-1 ta' Mejju 2024 sat-8 ta' Lulju 2024, u mingħajr ma jaffettwaw id-drittijiet mogħtija lill-individwi matul dak il-perjodu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE u tat-Turkija għandhom jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku meta jiġu ppreżentati mal-importazzjoni, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-mudell li jinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali jintuża bħala l-bażi għaċ-ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku;

(b) l-awtoritajiet doganali tal-Istat esportatur jipprevedu sistema online bbażata fuq l-internet biex tiġi vverifikata l-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku;

(c) iċ-ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku jkollhom numru tas-serje uniku u, jekk ikunu disponibbli, karatteristiċi tas-sigurtà li bihom jistgħu jiġu identifikati.

2. L-Unjoni u t-Turkija jistgħu jiddeċiedu li jissospendu l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa b'mod elettroniku meta l-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1 ma jkunux issodisfati, u għandhom jinnotifikaw lil xulxin b'dan minn qabel. Iż-żewġ partijiet għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni tan-notifiki skont il-proċeduri tagħhom stess, filwaqt li jindikaw id-data tal-bidu tas-sospensjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mit-8 ta' Lulju 2024.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2025.

Għall-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali
Il-President
M. PETSCHKE